# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2666

**Kaz Nru. 3374/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**John sive Ian Azzopardi**

**u**

**APS Bank Limited.**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti John sive Ian Azzopardi, li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2015. Meta ssejjah il-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Pierre Lofaro u ghas-Socjeta ntimata deheru is-Sur Kenneth Azzopardi li kien assistit mill-Avv. Andrew Borg Cardona.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li l-karriera tieghu fil-qasam finanzjarju tmur lura 37 sena meta f'Lulju, 1977 gie mpjegat mal-Mid-**

**Med Bank Limited li llum hija HSBC Bank Malta plc. Huwa jghid ukoll, li wara karriera ta' 35 sena u b'rekord impekkabbli tal-hidma tieghu huwa rtira mill-HSBC Bank Malta plc taht skema ta' "Early voluntary retirement", u meta rtira kellu l-kariga ta' Commercial Relationship Manager.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li mmedjatament wara jigifieri fis-17 ta' Dicembru, 2012 huwa gie ngaggat mal-APS Bank Limited b'kuntratt ta' sentejn fil-grad ta' Manager II fil-Commercial Business Unit gewwa l-Head Office tal-Bank fil-lokal tas-Swatar B'Kara. Huwa jghid wkoll, li l-kariga tieghu ma' l-APS Bank Ltd kienet l-istess bhal dik li kellu mal-HSBC.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li l-esperjeza vasta tieghu fil-qasam finanzjarju gie trasmess fix-xoghol tieghu ma' l-APS Bank Ltd. u fil-fatt kien igawdi relazzjoni tajba mal-management, kollegi u anki l-klijenti li kienu jiffurmaw il-portofol ta' self li kien responsabbli minnhom.**

**Huwa jghid ukoll, li l-hidma tieghu ma dan il-Bank giet rikonoxxuta kif huwa evidenti meta fil-31 ta' Ottubru, 2013 huwa gie nfurmat li temm b'success il-probation tieghu u dan kien fit-22 ta' Sttembru, 2014 kif ukoll il-kuntratt tax-xoghol tieghu gie mgedded ghal sentejn ohra sas-16 ta' Dicembru, 2016.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li l-hidma tieghu ma' l-APS Bank Ltd. irnexxielu jgib klijenti godda u b'hekk ta' kontribut siewi biex jitkabbar il-portfolio kif ukoll ghen biex il-Bank jghamel il-profitti.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li f'Marzu, 2014 huwa nvesta somma ta' flus ma kumpanija bl'isem ta' Cassar and Schembri (Marketing) Ltd. Huwa jghid ukoll, li d-decizjoni biex jidhol ghal dan l-investiment hada wara li ghamel due diligence fuq din il-kumpanija.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li din il-kumpanija kient l-operatur tal-"MORE Supermakets" u kienet importatur/esportatur tal-laham u hafna tipi ta' prodotti ohra ta' l-ikel. Huwa jkompli jghid, li skont l-ahhar audited accounts ta' din il-kumpanija hija kienet qed taghmel profitti tajbin u kellha kapital b'sahhtu.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li b'dan kollu madwar xahar wara, gie nfurmat li l-kumpanija bdiet issofri minn problemi ta' likwidita u semgha li kienet qeghda tissospendi temporanjament il-hlas lura ta' l-investiment li kien ghamel maghha.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li f'Settembru, 2014 gie mhabbar fuq il-medja Maltija li wiehed mix-shareholders tal-kumpanija harab minn Malta u ghalhekk il-possibilita li jirkupra lura l-investiment tieghu kien qieghed jigi mhedded. Huwa jghid ukoll, li kien ghalhekk li**

**minnufih ha azzjoni kontra l-kumpanija bis-sahha tal-kambjali li kien inghata b'garanzija ta' l-investiment li kien ghamel.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li din l-azzjoni giet ikkontestata mix-shareholder l–iehor tal-kumpanija u ghalhekk l-kaz spicca l-Qorti. Huwa jkompli jghid, li peress wiehed mic-cheques ta' l-investiment tieghu kien gie msarraf mill-APS Bank Ltd. huwa gie msejjah minn ufficcjal tal-Bank biex jixhed dwar dan il-fatt. Huwa jghid ukoll, li minkejja l-kontestazzjoni tal-kumpanija l-Qorti tghat sentenza favur tieghu.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent ikompli jghid, li l-APS Bank Ltd. sar jaf bil-kawza peress l' ufficcjal tal-Bank telgha jixhed. Konsegwentament huwa gie msejjah mill-"Head tal-Corporate Strategy" li jismhu Noel McCarthy fejn talbu spejgazzjoni ta' l-investiment li kien ghamel mal-Kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. Huwa jghid ukoll, lis-sur McCarthy kien tah id-dettalji ta' dan l-investiment u kif sar.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li s-Sur McCarthy kien semgha dak kollu li kellu xi jghid u meta spicca mill-ispjegazzjoni tieghu huwa gie mitlub mis-Sur McCarthy biex jibghatlu email bhala konferma ta' dak li kien qallu.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li l-ghada li kien bghat l-email huwa gie msejjah fl'ufficju mic-Chief Executive Officer ta' l-APS Bank Ltd. li kien is-sur Edward Cachia u gie mitlub minnhu biex jghati nterpretazzjoni**

**ta' l-investiment imsemmi u staqsih x'dokumenti kellu bhala prova ta' dan l-investiment. Huwa jghid ukoll, li meta semgha li kellu l-kambjali u c-cekkijiet is-Sur Cachia stqarr l-opinjoni tieghu u nsinwa li dan l-investiment ma kien investiment xejn, izda self ta' flus.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li huwa baqa jsostni li dan kien investiment, izda is-Sur Cachia baqa jsostni li dan kien self ta' flus. Ir-rikorrent jghid ukoll, li waqt din il-laqgha s-sur Cachia qallu li kellu jirrezenja mill-impieg tieghu. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li s-Sur Cachia qallu li "jew tohrog bl'unuri mill-impieg tieghek mal-Bank jew niehdu azzjoni kontrik".**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li wara s-sur Cachia qallu dawn il-kliem huwa talab li jigi ezentat mill-ufficcju u telaq lura fid-Dipartiment li kien jahdem fih.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li din is-sitwazzjoni u specjalment l-interpretazzjoni ngusta ts-Sur Cachia dahhluh fi stat ta' anzjeta kbira u ghalhekk l-ghada huwa rraporta sick mix-xoghol b'certifikat tat-tabib. Huwa jghid ukoll, li guranta wara l-Bank gharfu b'ittra datata 3 ta' Marzu, 2015 li l-pozizzjoni tieghu mal-Bank ma kienitx aktar tenibbli izjed u l-Bank iddecieda unilateralemnt li jittermina l-impieg tieghu b'effett mill-5 ta' Marzu, 2015. Huwa jghid ukoll, li gie mgharraf li jekk ried setgha jirrezenja mill-impieg minflok ma jigi mkecci.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu, 2015 huwa nforma lil management ta' l-APS Bank li kien qieghed jirrifjuta li jirrezenja mill-impieg u nforma lil-Bank li kien qieghed jichad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu; dak li huwa kiser xi kundizzjoni tal-impieg tieghu. Huwa jghid ukoll, li konsegwentament permezz ta' ittra datata 6 ta' Marzu, 2015 il-Bank infurmah li kien qed jittermina l-impieg tieghu.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent ikompli jghid, li kien qed jiddikjara li l-Bank mexa b'mod ingust mieghu u li t-tkeccija tieghu kienet bla bazi u sempliciment ghaliex s-Sur Cachia ddecieda jghati l-interpretazzjoni tieghu fuq l-investiment li kien ghamel. Huwa jghid ukoll dwar il-kaz li kellu l-Qorti kontra Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. u dejjem intqal li l-kambjali nghataw bhala garanzija ta' l-investiment li kien ghamel u anke l-Imhallef ghadda kumment li dan kien il-kaz.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li ma giex moghti l-opportunita li jiddefendi ruhu u l-Bank lanqas mexa skont il-procedura ta' dixxiplina stipulata fil-Ftehim Kollettiv. Huwa jghid ukoll, li din it-tkeccija ngusta kellha konsegwenzi kemm finanzjarji, ghaliex ghadu bla mpieg kif ukoll konsegwenzi ta' sahha ghar-raguni ghax qieghed taht kura ta' psikjatra billi qieghed jbaghti minn dipressjoni.**

**Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li preliminarjament dan it-Tribunal Industrijali ghandu jissoprasjedi sakemm ic-cirkostanzi**

**naxxenti mis-sentenzi tal-Onor. Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "General Workers Union – v- Avukat Generali" moghtija t-tnejn fit-18 ta' Gunju, 2015 jigu ccarati u dan peress illi l-Onor. Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz 20/2008 AF fl-ismijiet citati ddecidiet illi t-Tribunal Industrijali m'huwiex Tribunal indipendenti kif mitlub fil-ligi; ghalhekk skond l-istat tad-dritt illum hemm periklu car u mminenti li kull process quddiem it-Tribunal jigi meqjus bhala null. Is-socjeta tghid ukoll, li ghalhekk il-kaz ghandu jigi differit sine die.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li ghalhekk preliminarjament u minghajr pregudizzju, illi r-rikors promutur huwa null u bla effett stante li d-dettalji rikjesti mill-ligi, cioe' n-numru tad-dokument ta' identita tar-rikorrent u n-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija huma neqsin.**

**Is-Socjeta tkompli tghid, li dwar il-fatti u minghajr pregudizzju, dak allegat mir-rikorrenti ma sehhx kif jigi muri waqt is-smiegh wara li jigu decizi l-eccezzjonijiet preliminari u fl-ewwel lok ir-rikorrent kien impjegat, kif jghid hu stess, fuq kuntratt ghal zmien fiss u l-process dixxiplinarju kif ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv citat minnu ma jirrizultax illi hu applikabbli ghalih.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li fit-tieni lok; ir-rikorrenti nghata l-opportunita li jaghti l-verzjoni tieghu ghall-akkuzi u ghalhekk inghata smiegh xieraq. Hija tghid ukoll, li fit-tielet lok ir-rikorrenti mexa b'mod, kif jigi**

**muri waqt is-smiegh jekk ikun il-kaz, illi wassal lill-intimati biex jikkonkludu li l-pozizzjoni tieghu ma kienitx tenibblli, u dan peress li impjegat ta' bank ma ghandu bl-ebda mod jidhol ghal-tip ta' obbligi u/jew arrangamenti finanzjarji li rrizultaw li sehhew peress illi dan jikkosititwixxi kunflitt ta' interess mill-aktar gravi kif ukoll imur kontra l-Kodici tal-Etika u Kondotta tal-Bank.**

**Mill-provi jirrizulta li fis-seduta tal-Hamis 22 ta' Ottubru, 2015 l-Avv. Andrew Borg Cardona ghas-socjeta ntimata rtira l-eccezzjoni preliminari li saret mis-socjeta fl-istqarrija tal-Kaz taghha.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien impjegat mal-APS Bank Ltd fil-grad ta' Manager II Commercial Business Unit b'effett mis-17 ta' Dicembru, 2012 fuq kuntratt fiss (defenit) ta' sentejn u fit-22 ta' Settembru, 2014 gie nfurmat mic-Chief Executive Officer tal-Bank li l-kuntratt tax-xoghol tieghu kien gie estiz ghal sentejn ohra sas-16 ta' Dicembru, 2016.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent saret permezz ta' ittra datata 6 ta' Marzu, 2015 fejn gie nfurmat li r-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienu kif gew spjegati lilhu permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu, 2015 mibghuta mic-Chief Executive Officer u liema ittra kienet tghid "I refer to our recent meeting with Mr Noel McCarthy Head (Finance and Corporate Strategy), in connection with the lending of money to a customer of**

**the Bank, which as you are aware constitutes a serious breach of the Bank's Code of Conduct and Ethics.**

**In the circumstances your position with the Bank is no longer tenable and it will be exercising the right to terminate your contract of Service, without liability to compensation.**

**The termination will take effect on the 5th March, 2015 unless prior to this date your request to terminate by way of resignation is received by the Bank. In this event, the Bank will waive the right to a penalty".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kaz inkwestjoni kien jirrigwardja li r-rikorrent kien ghamel transazzjoni ta' flus lill kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. u liema transazzjoni ta' flus ir-rikorrent sejhiela nvestiment. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-management tal-APS Bank Ltd. sar jaf, ir-rikorrent gie msejjah mill-Head (Finance and Corporate Strategy) biex jghati spjegazzjoni.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara din il-laqgha l-kaz gie referit lic-Chief Executive Officer tal-Bank li f'dak iz-zmien il-kariga kienet okkupata mis-Sur Edward Cachia.**

**Waqt il-provi jinghad wkoll, li s-Sur Cachia ma accettax l' ispjegazzjoni tar-rikorrent u l-ghada r-rikorrent hareg bis-sick leave. Matul il-gurnata li r-rikorrent kien bis-sick leave rcieva l-ittra citata hawn fuq u minn**

**naha tar-rikorrent permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu, 2015 kiteb lura lic-Chief Executive officer tal-Bank fejn infurmah, li ma kienx qed jaqbel li kkommetta xi nuqqas u kiser l-kodici ta' l-etika u kien se jipprocedi kontra l-APS Bank Ltd. skond il-ligi. Konsegwentament l-impieg tar-rikorrent gie terminat b'effet mill-5 ta' Marzu, 2015.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management ta' APS Bank Ltd. ma mexiex mal-procedura ta' dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv li kien jezisti bejn APS Bank Limited u l-MUBE. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-grad tar-rikorrent kien kopert permezz tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Bank u l-MUBE.**

**Waqt il-provi minn naha tac-Chief Executive Officer tal-Bank is-Sur E. Cachia jghid, li l-Bank ma mexiex mal-proceduri tal-Ftehim Kollettiv ghar-raguni, li r-rikorrent kien fuq kuntratt tax-xoghol fiss (defenit) u ghaldaqstant, ma kienx hemm il-htiega li tigi segwita l-procedura tad-Dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk ir-rikorrenti ma kienx kopert mill-imsemmi Ftehim Kollettiv. Minn naha tal-Bank jghid ukoll, li kien hemm ksur car minn naha tar-rikorrent tal-procedura ta' l-etika u tal-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u nvista ta' dan il-Bank kellu dritt li jittermina l-impieg tar-rikorrent.**

**Minn naha tar-rikorrent jghid, li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu regolati permezz tal-Ftehim Kollettiv imsemmi kif ukoll, li l-management tal-Bank kien interpreta t-transazzjoni ta' flus lill**

**kumpanija Cassar & Schembri (Malta) Ltd. li kienet self ta' flus meta fil-fatt huwa ma ghamel l-ebda self ta' flus izda kien ghamel investiment f'din il-kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa d-dkjarazzjoni li ghamlet l-APS Bank Limited, li peress ir-rikorrent kien fuq kuntratt fiss (defenit) hija kellha d-dritt li ma ssegwiex klawsola 29 tal-Ftehim Kollettiv li hija l-Procedura ta' Dixxiplina.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-Ftehm Kollettiv imsemmi hawn fuq jsib, li fl'Appendici C il-grad tar-rikorrent huwa kopert bil-Ftehim Kollettiv.**

**Rigward id-dikjarazzjoni ta' l-APS Bank Ltd. li r-rikorrent ghax kellu kuntratt fiss (defenit) ma kienx kopert bil-Ftehim Kollettiv, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li minkejja li r-rikorrent kellu kuntratt tax-xoghol fiss(defenit) il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu ghandhom ikunu koperti mill-istess Ftehim Kollettiv imsemmi u dan ghar-raguni, li kieku t-Tribunal Industrijali kellu jiddeciedi modd iehor, il-management f'dan il-kaz l-APS Bank Ltd. ikun jistgha jghati kundizzjonijiet tax-xoghol differenti lil dawk li jimpjega bil-kuntratt fiss (defenit) minn**

**dawk il-haddiema li ghandhom kuntratt indefenit u dan johloq mhux biss konfuzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xoghol bejn il-haddiema li jkunu qed jahdmu fl'istess grad imma wkoll, ikun qed johloq diskriminazzjoni bejn il-haddiema li jkunu qed jghamlu xoghol simili fl'istess grad u li jkunu mpjegati fuq kuntratt tax-xoghol indefenit ma dawk il-haddiema li jkunu gew impjegati fuq kuntratt defenit.**

**Ghaldaqstant, invista li l-grad tar-rikorrent kien kopert permezz tal-Ftehim Kollettiv bejn l-APS Bank Ltd. u l-MUBE, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrent huma koperti bil-Ftehim Kollettiv bejn l-APS Bank Limited u l-MUBE (2014-2016).**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta l-management ta' l-APS Bank Limited sar jaf bil-kaz tar-rikorrent dwar it-transazzjoni ta' flus li ghamel lill kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. u fl'opinjoni tal-Bank ir-rikorrent kiser il-kodici ta' l-etika u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, il-management tal-Bank kien obbligat li jsegwi l-procedura tad-Dixxiplina tal-Fehim Kollettiv bejnu u l-MUBE. Invista li l-management ta' l-APS Bank Limited ma segwix il-procedura tad-Dixxiplina, huwa kien qed jikser l-imsemmi Fehim Kollettiv kif ukoll, kien qed jikser id-dritt tar-rikorrent li jkollu smigh xieraq.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li r-rikorrent ma giex moghti l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu skond il-Procedura tad-Dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv imsemmi u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddciedi wkoll, li japplika klawsola 36 Nru (11) ta' L-ATT TA' L-2002 Dwar l-impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li tghid "Principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem" invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-APS Bank Limited ghandu jhallas nofs is-salarju tar-rikorrent minn meta l-impieg tieghu gie tterminat sad-data ta' meta kellu jigi fi temm il-kuntratt ta' servizz fiss (defenit) li kellu r-rikorrent ma' l-APS Bank Limited.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-APS Bank Limited ghandu jhallas is-somma ta' flus kif gie deciz hawn fuq lir-rikorrent John sive Ian Azzopardi fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Ilum : 21 ta' Lulju, 2020**